# Proġett għat-twaqqif ta' Kapitlu Lateranensi fil-Knisja ta' San Ġorġ (1895-1902)

Dr Paul George Pisani

Huwa fatt magħruf li l-kleru tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u l-parruċċani tal-istess parroċċa minn dejjem kellhom ix-xewqa li fl-istess knisja jufficċja kapitlu ta' kanonċi. Kif nafu, din ix-xewqa seħħet fi żmien l-episkopat ta' Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi. Iżda t-tentattivi sabiex jitwaqqaf dan il-kapitlu jmorru lura sa mis-sena 1895. Fuq dan is-suġġett inkiteb ftit li xejn,[1] u jidher li dak li nkiteb kien ibbażat biss fuq is-sorsi lokali, jiġifieri d-dokumenti konservati fl-Arkivju Kapitulari tal-Katidral ta' Għawdex.

Sa fejn huwa magħruf sal-lum, ħadd għadu ma kkonsulta l-arkivju tal-Kongregazzjoni tal-Kanonċi Lateranensi tas-Santissmu Salvatur f'Ruma.[2] Jien personalment għamilt diversi tentattivi sabiex nara d-dokumentazzjoni meta kont qiegħed nikkonsultah minħabba riċerka oħra,[3] iżda dejjem ġejt mgħarraf li d-dokumenti mhux jinstabu f'posthom. B'xorti tajba waqt żjara li għamilt f'dan l-arkivju fil-11 ta' Marzu 2017 irnexxieli, bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-arkivista Don Franco Gualtieri, insib parti kbira minn din id-dokumentazzjoni.[4] Il-parti l-kbira tad-dokumentazzjoni tinsab fis-sezzjoni *Fondazioni estere*,[5] filwaqt li waħdiet jinsabu fis-sezzjonijiet tal-Korrispondenza u l-Atti kurjali tal-Abbati Santini. Huwa impossibbli li f'din il-kitba ssir analiżi sħiħa ta' dawn id-dokumenti. Ser nillimita ruħi sabiex nagħti ħarsa ħafifa lejn il-ġrajja marbuta mat-tentattiv sabiex jitwaqqaf dan il-kapitlu fil-Knisja ta' San Ġorġ, bl-intenzjoni li 'l quddiem nippubblika l-korrispondenza u d-dokumentazzjoni kollha.

## Il-Kongregazzjoni

Il-Kongregazzjoni Lateranensi tal-lum hija r-riżultat tal-għaqda bejn il-Kongregazzjoni tas-Santissmu Salvatur, imsejħa 'Renana', u dik Lateranensi, li saret bil-ħidma tal-Abbati Vincenzo Garofalo fis-sena 1823.[6] Is-sede ġeneralizja tal-Kongregazzjoni twaqqfet fil-Kanonika tal-Bażilika antika ta' San Pietro in Vincoli, fejn hemm ikkonservat l-arkivju msemmi. Għalhekk dawn il-ġrajjiet li qegħdin nitkellmu fuqhom seħħew meta l-Kongregazzjoni kienet qiegħda ssib saqajha wara l-amalgamazzjoni li semmejna. Ta' min jissuponi li ntgħażlet din il-kongregazzjoni sabiex twaqqaf il-Kapitlu ta' San Ġorġ għaliex l-Abbati huwa 'mitrat', jiġifieri jgawdi xi privileġġi episkopali bħalma huma l-użu tal-mitra u l-baklu u s-salib pettorali. Is-suttana tal-kanonċi hija waħda bajda u fuqha jilbsu rukkett abjad ukoll.

## Il-promotur

Ta' min jgħid li din l-inzjattiva kellha l-barka tal-Isqof Agostinjan ta' Għawdex Gio Maria Camilleri u l-kunsens tal-Arċipriet *pro tempore*. Kien issa meħtieġ li tinstab persuna influwenti sabiex tmexxi f'Ruma l-proġett tat-twaqqif tal-Kapitlu ta' San Ġorġ. L-għażla waqgħet fuq il-Kavallier Michelangelo Maria Mizzi (1849-1903). Mizzi twieled il-Belt Valletta u kien iben in-Nutar Placido Mizzi u Marianna mwielda Borg Contras. Kien imħallat b'parentela ma' Fortunato u Enrico Mizzi. Fis-sena 1881 iżżewweġ u ġie joqgħod f'Numru 7, Triq it-Tiġrija, ir-Rabat, Għawdex. Huwa kien elett bħala r-rappreżentant ta' Għawdex fil-Kunsill tal-Gvern u serva f'din il-kariga bejn l-1889 u l-1892. Huwa kellu influwenza kbira fil-Vatikan, u kien strumentali sabiex il-Parroċċi tax-Xewkija u x-Xagħra jakkwistaw id-dinjità arċipresbiterali u sabiex twaqqfet il-Kolleġġjata tan-Nadur.[7] Għalhekk Mizzi kellu l-kredenzjali kollha sabiex imexxi t-talba għat-twaqqif tal-Kapitlu ġdid ta' San Ġorġ.

## Il-bidu

Mizzi beda l-proċess billi personalment talab li jissieħeb bħala 'ġubilat' fil-Kongregazzjoni Lateranensi. It-talba tiegħu ntlaqgħet fit-8 ta' Lulju 1895.[8] Fis-16 ta' Ġunju 1895, Mizzi kien diġà bagħat ittra lill-Abbati Ġenerali



L-Abbati Ġenerali Luigi Santini

Luigi Santini fejn illustralu l-proġett.[9] Fl-10 ta' Ġunju 1895, numru ta' saċerdoti li jservu fil-Knisja ta' San Ġorġ għamlu rikors lill-Isqof djoċesan fejn filwaqt li qablu li jitwaqqaf tali kulleġġ ta' kanonċi, ippreżentaw irwieħhom bħala disponibbli li jiffurmaw parti minnu. Il-firmatarji

kienu Dun Lawrenz Refalo, Dun Ġużepp Buttigieg, Dun Ġużepp Cremona, Dun Ġużepp Mercieca, Dun Vinċenz Attard, Dun Ġużepp Spiteri, Dun Lawrenz Cutajar, il-Viċi-Parroku Dun Ġużepp Tabone, il-Viċi-Parroku Dun Anton Faenza, u Dun Ġużepp Portelli. Kopja ta' dan ir-rikors flimkien ma' estratt mill-manuskritt ta' De Soldanis li jittratta l-istorja tal-Knisja ta' San Ġorg, u *pro memoria*



De Imitatione Christi
Liber ...
è un'edizione, senza dubbio
rarissima e pregevolissima
del 1600.
Questo libriccino sarà mio
sino al mio arrivo costì,
e dopo lo possederà la V. S. I.
Con ogni considerazione
ho intanto l'onore di essere
della V. S. I.
obblmo devmo servo
M. A. M. Mizzi

Gozo. Malta 16/6/95
Revmo Padre,
Da quattro giorni sono
confinato in letto colla
diarrea, vomito, granfi etc,
però da questa mattina è in-
cominciata la reazione
I medici mi assicurano
che martedì prossimo – a Dio
piacendo – potrò mettermi in
viaggio. Io vengo a Roma
per umiliare al Santo Padre
la supplica del Popolo per la
venuta tra noi d'un Rmo
Corporato all'occasione della
erezione del Santuario di N. S.
del Carmine in Basilica.
Del Vessillo Cattolico

Ittra tal-Kav. Mizzi lill-Abbati Ġenerali Santini

dwar l-istess knisja xogħol l-istess Mikelanġ Maria Mizzi, intbagħtu lill-Abbati Ġenerali Santini mill-Isqof Gio Maria Camilleri flimkien ma' ittra bid-data tad-19 ta' Ġunju 1895, fejn l-Isqof Camilleri, fost affarijiet oħra, talab formalment li jitwaqqaf kapitlu ta' ħmistax-il kanonku bil-pre-eminent ikun Abbati mitrat.[10] Intbagħat ukoll abbozz ta' statut kapitulari. Mizzi fil-*pro memoria* tiegħu kien ħeġġeġ li jitwaqqaf dan il-kapitlu fil-knisja *"la più frequentata e più popolare di tutta l'Isola, come fa fede la gran festa che annualmente celebra il popolo per solenizzare la festività di San Giorgio Martire"*. Fis-17 ta' Lulju l-Abbati Ġenerali Santini kiteb lil Mons. Camilleri u wera ruħu disponibbli. Huwa ma kienx jantiċipa problemi la min-naħa tal-Kongregazzjoni Lateranensi u lanqas min-naħa tas-Santa Sede.[11]

## Oppożizzjoni

Naturalment dan il-proġett kellu jaffaċċja oppożizzjoni kemm minħabba s-sitwazzjoni parrokkjali fir-Rabat, kemm minħabba li Mizzi kien involut fil-politika. L-Abbati Ġenerali Santini rċieva ittra ffirmata minn ċertu Ignazio Camilleri, bid-data tal-21 ta' Lulju 1895, mibgħuta mill-Belt Valletta, fejn l-Abbati Ġenerali ġie mwissi ma jagħtix ħafna kredtu lil Mizzi, peress li skont l-awtur dan kien involut f'diversi kawżi fil-qrati Maltin. L-awtur imbagħad informa lill-Abbati li l-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex ma kien infurmat b'xejn u żgur li ma kienx ser jippermetti li jitnaqqsu d-drittijiet tiegħu. Finalment wissa: *"Non creda che la detta chiesa sia qualche famosa basilica, ma una chiesa comune che dista appena 200 passi dalla Cattedrale e alcuni dei sacerdoti preposti per canonici non credo che meritano tanto onore"*.[12] Din kellha tkun l-ewwel waħda minn sensiela ta' ittri li ntbagħtu sabiex jixxekkel il-proġett tat-twaqqif tal-kapitlu l-ġdid. Sabiex jiġi skreditat Mizzi saħansitra ntbagħtu Ruma *cuttings* minn gazzetti lokali u materjal propagandistiku elettorali.

Fl-10 ta' Awwissu 1895, il-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex kiteb direttament lill-Abbati Ġenerali Santini fejn wera oppożizzjoni għat-twaqqif tal-Kapitlu ta' San Ġorġ, peress li insista li l-Knisja ta' San Ġorg kienet filjali għal dik Katidrali.[13] L-ittra ffirmata mill-Kan. Alfonso Gauci kienet tisħaq li t-twaqqif tal-kapitlu ġdid f'San Ġorġ kien "att illegali". Fil-31 ta' Awwissu 1895, Mizzi reġa' kiteb lil Santini fejn infurmah li kollox kien lest min-naħa ta' Għawdex għat-twaqqif tal-Kapitlu. Huwa bagħatlu wkoll xi pubblikazzjonijiet li jirrigwardaw l-istess Mizzi.[14] Imma fl-10 ta' Diċembru 1895, Mizzi reġa' kiteb lil Santini fejn talbu sabiex għalissa jissospendi l-biċċa xogħol tal-kapitlu. Kienu nqalgħu xi diffikultajiet interni.[15] Fit-18 ta' Diċembru tal-istess sena l-Abbati Santini kiteb lura lil Mizzi u qallu li kien jistenna l-pass li jmiss mis-Santa Sede u sa dak iż-żmien ma kien ser jagħmel xejn aktar.[16] Iżda milli jidher it-talba lis-Santa Sede ma kenitx waslet fejn kellha tasal, kif jidher minn korrispondenza skambjata bejn l-Isqof Camilleri u l-Abbati Santini f'Diċembru 1895.[17] Minn hawn 'il quddiem, għal xi raġuni li ma sibniex ħjiel tagħha, Mizzi jisparixxi mix-xena.

Ittra oħra ta' oppożizzjoni mill-Kapitlu Katidrali ntbagħtet Ruma fl-20 ta' Jannar 1896.[18] Din l-ittra kienet iffirmata mill-Arċidjaknu Giuseppe Mizzi u l-Kanonku Francesco Diacono. L-affari libtet sat-28 ta' April 1901 meta Dun Lawrenz Cutajar għan-nom tal-kleru ta' San Ġorġ kiteb direttament lil Dun Ġorġ Agius li dik il-ħabta kien jistudja Ruma u kien residenti f'Numru 68, Via Bocca di Leone, sabiex jieħu l-affari f'idejh u jkellem lill-Abbati Ġenerali Santini sabiex jerġa' jqajjem il-proċess tat-twaqqif tal-Kapitlu ta' San Ġorġ.[19] Milli jidher l-Abbati Ġenerali kien talab dikjarazzjoni mill-Isqof ta' Għawdex li l-Kapitlu




Ittra mibgħuta mill-kleru ta' San Ġorg lil Dun Ġorġ Agius sabiex jgħaddiha lill-Abbati Ġenerali



Ittra ta' protesta mibgħuta mill-Belt Valletta

fil-Knisja ta' San Ġorġ seta' jitwaqqaf mingħajr il-kunsens tal-Kapitlu Katidrali. Dun Lawrenz kien għamel rikors lill-Isqof Camilleri sabiex jiċċertifika li d-digriet tal-Isqof Cocco Palmeri li bih twaqqfu l-parroċċi tal-kampanja bl-ebda mod ma assoġġetta l-Knisja ta' San Ġorġ favur il-Knisja Katidrali u għalhekk fl-istess knisja seta' jitwaqqaf liberament il-Kapitlu Lateranensi. Dan il-kunsens veskovili ngħata permezz ta' digriet tat-13 ta' Novembru 1901.[20]

Intant il-Kapitlu Katidrali bagħat diversi ittri u telegrammi ta' protesta lill-Abbati Ġenerali Santini. Peress li s-sustanza ta' din il-korrispondenza diġà ġiet ippubblikata band'oħra,[21] mhux ser nerġa' nirrepetiha hawn. Ser nillimita ruħi għall-prosegwiment tal-affari min-naħa ta' San Ġorġ. Dun Ġorġ Agius kien issa ħa l-affari f'idejh. Fis-17 ta' Novembru 1901 Dun Ġorġ kiteb minn Għawdex lill-Abbati Ġenerali Santini fejn infurmah li kien irritorna Għawdex wara li kiseb il-lawrja fid-Dritt Kanonku minn Ruma. Huwa saqsa x'kien qed ixekkel l-erezzjoni tal-kapitlu propost.[22] Ittra oħra ntbagħtet minn Dun Ġorġ Agius lill-Abbati Ġenerali Santini fl-1 ta' Jannar 1902. Fiha Dun Ġorġ ħeġġeġ lill-Abbati Santini "jagħmel ġustizzja". Ittra oħra ntbagħtet minn Dun Ġorġ l-għada t-2 ta' Jannar 1902 fejn infurmah li sar jaf li delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali kienet ser tmur tkellem



Telegramm ta' protesta mibgħut minn Għawdex

lill-Abbati f'Ruma. Agius fakkar lill-Abbati li t-twaqqif tal-Kapitlu ta' San Ġorġ kellu l-barka tal-Isqof Camilleri. Huwa temm l-ittra tiegħu hekk: *"Vostra Eccellenza, spero, appagherà il desiderio del nostro Ordinario"*.[23]

Sadanittant Mons. Dekan Farrugia, Mons. Mikelanġ Refalo, il-Kanonku Kantur Francesco Cassar u l-Kanonku Francesco Buttigieg ipprotestaw, f'adunanza kapitulari tas-27 ta' Diċembru 1901, li l-oppożizzjoni għat-twaqqif tal-kapitlu f'San Ġorġ saret f'isem il-Kapitlu Katidrali kollu, mentri fil-verità kien hemm membri tal-istess Kapitlu li ma kenux jaqblu ma' dan. Mons. Agius debitament informa lill-Abbati Santini b'dan. B'ittra tal-5 ta' Jannar 1902, l-Arċidjaknu Mizzi talab lill-Abbati Santini sabiex jekk irċieva tali ittra mingħand il-Kapitlu Katidrali, jibgħat l-oriġinal lura lil Mons. Camilleri sabiex jiġu vverifikati l-firem fuq tali ittra.[24] Fl-20 ta' Jannar 1902, l-Abbati Santini bagħat lill-Isqof Camilleri kopja ta' tliet ittri u telegramm ta' protesta li kien irċieva mingħand il-Kapitlu Katidrali. Fl-istess ittra Santini wera li kien qed jiddejjaq bil-*"fastidi di questa contesa"* u għalhekk kien qed jagħlaq din l-affari darba għal dejjem. Mons. Camilleri f'ittra tas-16 ta' Jannar 1902 irringrazzja lill-Abbati Ġenerali tal-kopji tal-ittri. Filwaqt li qallu li *"mi rincresce che la buona volontà di Vostra Paternità Reverendissima di onorare una nostra chiesa con un privilegio del suo inclito Ordine"* kellu joħloq skomdu u nkwiet bla bżonn lill-Abbati, huwa kien qiegħed jaċċetta d-deċiżjoni tal-Abbati Ġenerali u rringrazzjah xorta waħda *"di quanto ha fatto per noi, come se la cosa fosse felicemente riuscita"*.

Il-proġett għat-twaqqif tal-Kapitlu Lateranensi f'San Ġorġ ġie definittivament fi tmiemu meta, fuq talba tal-Kapitlu Katidrali, is-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju, illum magħrufa bħala s-Sagra Kongregazzjoni għall-Kleru, iddeċidiet fid-29 ta' Lulju 1905 li "m'hemmx lok għat-twaqqif ta' Kapitlu Lateranensi Onorarju fil-Knisja ta' San Ġorġ".[25]

### *Referenzi*


1 Ara A. Gauci, *Ħwejjeġ li rajna*, 1, Malta 1981, p. 40 et seq.

2 Minn issa 'l quddiem: 'AS.Spiv' (Archivio Storico San Pietro in Vincoli).

3 Din ir-riċerka kienet dwar l-Abbati Luca Cenni li ġiet ippubblikata fil-ktieb tiegħi *The Battle of Lepanto 7 October 1571. An Unpublished Hospitaller Account*, Malta 2015.

4 Irrodd ħajr lil Don Franco u lill-Kongregazzjoni għall-permess sabiex nikkonsulta l-arkivju u nieħu kopja tad-dokumenti kollha rilevanti.

5 Minn issa 'l quddiem: 'FE/G' (Fondazioni Estere – Gozo).

6 P. Benozzi, *sub voce*, f'G. Rocca (Ed.,) *La Sostanza Dell'Effimero. Gli Abiti Religiosi in Occidente*, Roma 2000, pp. 246-249.

7 *Sub voce* f'M.J. Schiavone (Ed.), *Dictionary of Maltese Biographies*, 2, Malta 2009, pp. 1201-1202.

8 AS.Spiv – Atti Curiali Santini (1894-5) – No. 106.

9 FE/G. 1

10 FE/G. 6

11 FE/G. 7

12 FE/G. 8.

13 FE/G. 9.

14 FE/G. 10.

15 FE/G. 11.

16 FE/G. Mhux innumerat.

17 FE/G. 12-13.

18 FE/G. 14.

19 FE/G. 15.

20 Gauci, p. 40.

21 Gauci, pp. 40-45.

22 FE/G. 19.

23 FE/G. 22.

24 FE/G. 23.

25 Gauci, p. 41.